MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 1442/2004/1

**Standard Publications Limited**

**vs**

**Computer Domain Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' April, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf mija u hamsa u sebghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm1,175.31c) rapprezentanti bilanc dovut in segwitu ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici fuq ordni tas-socjeta' konvenuta stess, skond fatturi 41562 datata 28 ta' Frar 2002, 41740 datata 17 ta' Marzu 2002, 41956 datata

31 ta' Marzu 2002 u 42147 datata 14 t'April 2002 liema ammonti s-socjeta' konvenuta ghalkemm diversi drabi interpellata u minkejja l-laqghat li saru qatt ma hallset. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' Ittra Ufficjali tad-19 ta' Gunju 2003 u l-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull fattura rispettiva kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet li t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha stante li hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-ammont mhux dovut. Illi fit-tieni lok is-servizzi ndikati fl-Avviz ma gewx ipprestati lis-socjeta' konvenuta. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' John Peel, Christopher Sultana, Mary Claire Bugeja, Nicholas Callus u ta' martu Mirielle Callus.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Antonio Tufigno ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Norma Vella ghas-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta nkarigat lis-socjeta' attrici sabiex taghmel *package* ta' *advertising* fuq medda ta' zmien matul is-sena 2002 liema *package* kien jikkomprendi, apparti l-*adverts* innifishom, li jkun hemm *company profile* tas-socjeta' konvenuta u inoltre, s-socjeta' konvenuta talbet u gie accettat li kellu jsir forma ta' kompetizzjoni fl-istess zmien li jkunu qed isiru l-*adverts*. L-*adverts* innifishom kienu dwar korsijiet imhejjija mis-socjeta' konvenuta. L-*adverts* kellhom isiru kif ser jinghad:

1. Fuq il-gazzetta ta' kuljum The Malta Independent fit-22 ta' Frar, 1, 8, 15 u 22 ta' Marzu.

2. Fuq The Malta Independent on Sunday fl-24 ta' Frar, 3, 10, 17, 24 u 31 ta' Marzu.

3. Fil-Business Weekly fit-28 ta' Frar, 7, 14, 21 u 28 ta' Marzu u 4 t'April.

Kull darba li saru l-*adverts*, Nicholas Callus ghan-nom tas-socjeta' konvenuta ta l-*go ahead* tieghu. Il-konvenut ma hallas xejn dwar dawn l-*adverts* ghaliex qieghed jikkontendi li huwa ma nghatax is-servizz shih li huwa ppretenda li jinghata u dan billi l-*adverts* ma kienux jikkombacjaw perfettament ma' l-iskema li kien qieghed joffri u inoltre, kellu jsir *company profile* fl-istess zmien bhala parti ntegrali tal-*marketing campaign* u dan il-*company profile* ma sarx. Oltre dawn l-*adverts* dwar il-kompetizzjoni li kellha ssir fl-istess zmien ma sarux.

Wara li t-Tribunal ezamina x-xhieda li giet prodotta, rrizultalu illi fil-fatt, in-nuqqas li jsir *company profile* huwa taz-zewg partijiet – principalment tas-socjeta' attrici. Fl-ewwel lok jidher illi ghalkemm intwera bidu ta' inizzjattiva min-naha tas-socjeta' attrici, ma jidhirx li kien hemm *follow up* sufficjenti u da parti tas-socjeta' konvenuta din ma tantx ippressat lis-socjeta' attrici dwar dan il-*profile*. Is-socjeta' attrici kienet taf meta huma d-dati ta' l-*adverts*, dak li jigi ppubblikat kien fir-responsabbilta' taghha u ghalhekk kellha taccerta ruhha li sad-*deadline* koncernat ikollha l-materjal kollu f'idejha. It-Tribunal m'huwiex sodisfatt li s-socjeta' konvenuta ghamlet l-almu taghha sabiex dan il-*company profile* jsir. Kien hemm zmien ta' sitt gimghat li fih seta' jsir.

Illi inoltre, ghar-rigward tal-kompetizzjoni u l-kontenut ta' l-*adverts*, it-Tribunal huwa sodisfatt li l-*complaint* tal-konvenut huwa parzjalment gustifikat. L-*adverts* saru fuq medda ta' zmien, jigifieri kien hemm kwantita' ta' *adverts* li saru bejn Frar u April u sakemm kienu qed isiru dawn l-*adverts*, is-socjeta' konvenuta ma ressqet l-ebda ilment dwar il-kontenut ta' l-*adverts* jew il-fatt li ma kienux qed jidhlu fl-*adverts* il-kompetizzjoni li ried ihejji. B'danakollu jirrizulta li fil-fatt l-*advertising campaign* li kienet gie mhejjija ma kellhiex l-effett li xtaqet is-socjeta' konvenuta. Il-kompetizzjoni ma gietx ippubblikata u jirrizulta li l-kontenut ta' l-*adverts* ma giex varjat skond is-servizz li

kien qed jigi offrut mill-konvenut lill-pubbliku – kif kien miftiehem.

Ghalkemm saru l-*adverts* u li dawn l-*adverts* kienu debitament awtorizzati, l-*package* shih li kien offrut lill-konvenut ma nghatax billi ma kienx hemm il-*company profile* u ma saritx il-kompetizzjoni u l-kontenut ta' l-*adverts* ma kienx jirrifletti perfettament dak li ried joffri l-konvenut. Il-*marketing package* kien wiehed shih u ghalkemm is-socjeta' attrici affermat illi l-editorjal kien ser jinghata b'xejn, fir-realta', t-Tribunal irid ihares lejn l-*advertising campaign* fi kwadru shih u mhux jispezza partijiet minn ohrajn.

It-Tribunal jinkombi r-responsabbilta' ta' dan in-nuqqas liz-zewg partijiet pero' principalment lill-konvenut billi jekk verament kellu nteress li l-kampanja tkun ta' success, messu ha iktar inizzjattiva u jinsisti mas-socjeta' attrici.

Illi fid-dawl tal-premess it-Tribunal huwa tal-fehma illi ghandu jkun hemm temperament fl-ammont mitlub mis-socjeta' attrici u cjoe' ghandu jkun hemm tnaqqis ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) li jirrifletti ammont kalkolat *arbitrio et bono viri* ta' dik il-parti tas-servizz miftiehem li ma giex attwat.

L-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa ta' elf mija u hamsa u sebghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm1,175.31c) u ghalhekk, fid-dawl tal-premess, it-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ridotta ta' tmien mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm881.25c) u ghandu jkun hemm rifless xieraq fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm881.25c) bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz. L-ispejjez huma kwantu ghal kwart

(1/4) ghas-socjeta’ attrici u tlett kwarti (3/4) ghas-socjeta’ konvenuta.”

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza b’ zewg aggravji. L-ewwel wiehed fil-mertu hu maghmul jikkonsisti fis-sottomissjoni illi l-ftehim ma giex, mis-socjeta` attrici, ottemperat kif imiss u allura ebda hlas ma huwa dovut. It-tieni wiehed jirrigwarda l-mod kif it-Tribunal spartixxa l-ispejjez tal-kawza. Hu kontez mis-socjeta` appellanti illi gjaladarba s-servizz prestat ma sarx konformement ghal dak pattwit hi ma kellha tbati ebda parti mill-ispejjez;

Il-fatti tal-kawza ma jidherx li huma in diskussjoni. Is-socjeta` attrici kellha tiehu hsieb reklamar fil-gurnali u pubblikazzjonijiet ohra ta’ korsijiet imnedija mis-socjeta` appellanti. Dan skond l-i*specifications* u r-rati stabbiliti fl-*e-mail* tat-8 ta’ Jannar 2002 a fol. 31. In addizzjoni, is-socjeta` attrici kellha b’ ghajnuna ghal din il-kampanja ta’ reklamar torganizza “*an interview as a profile of yourself as Managing Director of Computer Domain or with a special focus on the Company and its services*”, kif ukoll “*a computation on a weekly basis positioned in the IT Pages every Monday*”. Hemm konvergenza li dawn l-ahhar servizzi addizzjonali ma gewx adempiti. Barra minn dan Nicholas Callus ghas-socjeta` appellanti jissottometti wkoll illi l-kumpanija attrici naqset ukoll milli ssegwi dak miftiehem fil-kaz tar-reklami. Huwa jsostni li flok ghamlet erba’ reklami separati s-socjeta` appellata rrepetiet l-istess reklam ghal erba’ darbiet. Dwar dan huwa pprotesta u effettivament lanqas id-depozitu ma hallas. Ara xhieda tieghu a fol. 41;

Dan premess, huwa ferm evidenti mill-korp tal-provi illi z-zewg kontendenti jattribwixxu nuqqasijiet wiehed lill-iehor. F’ kazijiet bhal dawn il-gudikant, ghal fini li jistabilixxi s-sussistenza ta’ l-inadempiment determinanti a kariku ta’ xi hadd fosthom, ma jistax jillimita ruhu ghall-ezami tal-komportament ta’ wiehed biss fosthom imma jehtieglu

jipprocedi ghall-valutazzjoni unitarja ta’ l-imgieba tat-tnejn ghall-accertament ta’ l-inadempiment reciprokament lamentat minnhom u japprezza l-effettiva gravita`. Ta’ min jirrileva pero` illi kif drabi ohra mtenni, “il-komplessitajiet tal-hajja u r-relativita` tal-kondotta umana huma pero` tali li, hafna darbi, meta tinqala’ din l-eccezzjoni (*exceptio inadempleti vel non rite adempleti contractus*), ikun hemm xi htijiet miz-zewg nahat, u allura l-kompitu tal-gudikant ma jkunx facli, ghax huwa jkun irid jipprova jaqta’ dritt f’ matassa ta’ nuqqasijiet reciproci u jipprova jzomm quddiem ghajnejh il-hin kollu l-vera sustanza tal-kuntratt” (“**Carmelo Cremona -vs- Victor Angilieri**”, Prim’ Awla, Qorti Civili per Imhallef Maurice Caruana Curran, 11 ta’ Ottubru 1966);

M’ hemmx kwestjoni illi bhala parti integrali tal-ftehim, anke jekk l-offerta giet minn naha tas-socjeta` attrici, kien hemm inkuz kemm il-profil tal-kumpanija kif ukoll il-kompetizzjoni. Kif gja rilevat dawn baqghu ma sarux. Il-kumpanija attrici tattribwixxi ghal dan nuqqas ta’ komunikazzjoni u kollaborazzjoni adegwata mis-socjeta` appellanti. Ma’ dan ir-rapprezentant tas-socjeta` appellanti ma jaqbelx. It-Tribunal kellu, fil-presenza ta’ din il-qaghda, il-kompitu li jara u jezamina, b’ riferiment ghall-entita` oggettiva ta’ l-inadempiment, min fost il-kontendenti rrenda ruhu maggorment kolpevoli tat-trasgressjonijiet fl-adempiment. Tali accertament, ragonevolment, kellu jkun fondat fuq il-valutazzjoni tal-fatti u tal-provi, oltre ta’ certi prinicpji ta’ dritt applikabbli ghall-fattispeci;

Kif sewwa stabilixxa t-Tribunal is-socjeta` appellanti pprovat l-inadempiment fis-socjeta` attrici tal-prestazzjonijiet li hi kellha tesegwixxi skond il-ftehim. Ferma din il-prova kien jinkombi fuq il-kumpanija attrici l-piz li tipprova li dak l-inadempiment kien dovut ghal xi haga barranija li taghha ma kienetx responsabbli, jigifieri li ma kellhiex htija billi mxiet bid-diligenza tal-*bonus paterfamilias*. (Ara **Kollez. Vol. XXXIX PII p 585**). Tali piz hu hekk mixhut fuqha b’ applikazzjoni tal-principju

generali li jipprezumi l-htija fid-debitur inadempjenti (Artikolu 1133, Kodici Civili). In effetti, skond dan l-artikolu u dak l-iehor sussegwenti ghalih (Artikolu 1134) id-debitur jibqa' dejjem responsabbli sakemm ma jipprovax li l-inadempiment kien dovut ghal kawza estraneja, forza magguri jew kaz fortuwitu b' mod li hu dejjem jibqa' tenut jekk l-obbligazzjoni ma gietx adempita jew htija tieghu jew ta' terzi mqabbdin minnu. Ara **Kollez. Vol. XXVII P I p 912** u **Vol. XXXIV P III p 907**. Naturalment il-qaghda tkun differenti jekk jinstab li ghal dak l-inadempiment kien hemm il-ko-involgiment, bin-nuqqas ta' ko-operazzjoni, ta' l-istess kreditur ta' l-obbligazzjoni;

Huwa dezumibbli minn dan kollu li nghad illi l-inadempiment irid ikun kolpevoli. Jekk provokat minn nuqqas tal-parti l-ohra dik il-kolpa mhix ammessa. Imma, kif jidher li hu l-kaz hawn hekk, ma jirrizultax li kien hemm tali provokazzjoni jew din ma kienetx tali li twassal ghall-inadempiment, anke ghaliex il-prestazzjoni kienet dipendenti mill-inizzjattiva taghha, dik il-kolpa tibqa' fiha. Sa hawn ma jidherx li r-ragonament tat-Tribunal jista' jkun iccensurat, u f' certu sens jista' jinghad, b' zieda, li r-rifjut tal-hlas da parte tas-socjeta` appellanti jipprexxindi minn din il-kolpa fis-socjeta` attrici;

Issa m' hemmx dubbju li minn naha tas-socjeta` appellata kien hemm inadempiment parzjali fl-ezekuzzjoni tal-prestazzjonijiet li kellha taghmel, in kwantu ghal dak li hu r-reklamar veru u proprju dan jidher li gie adempit, anke jekk ir-rapprezentant tas-socjeta` appellanti jikkontendi li dan ghalih kien ukoll insodisfacenti. Jikkonsegwi illi l-kwestjoni ta' l-inadempiment tirreduci ruhha ghal wahda ta' grad;

F' kaz bhal dan il-gudikant irid iwiezen, fuq il-kriterju oggettiv tal-valutazzjoni tal-kolpa, jekk din kienetx gravi kif ukoll li jkejjel l-inadempjenza attribwita lis-socjeta` attrici u dik tas-socjeta` appellanti. Ma jridx jintnesa imbaghad li fi procediment quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar dan il-

kejl tieghu jrid jigi mizurat principalment skond l-ekwita` [Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380];

Ibda biex din il-Qorti, dejjem bl-adozzjoni tal-kriterju oggettiv appena msemmi, ma ssibx li l-inadempjenza fis-socjeta` attrici kienet talment gravi li ggeghla tinnewtralizza ghal kollox it-talba taghha ghal hlas. Hemm imbaghad il-fatt li s-socjeta` konvenuta, anke jekk tramite ir-rapprezentant taghha ddikjarat ruhha nsodisfatta, ma nsistietx ghar-rizoluzzjoni tal-ftehim wara l-pubblikazzjoni ta' l-ewwel reklam u ghar-rizarciment tad-danni, kif hekk kellha kull dritt taghmel bis-sahha ta' l-Artikolu 1069 (1) u (2) tal-Kodici Civili. Jigi ghalhekk li kien hemm da parti taghha accettazzjoni ta' l-inadempiment parzjali tal-pakkett ta' ftehim. Ikollu jinghad ukoll illi ma tantx jidher mill-korp tal-provi illi kien hemm tant hegga u inizzjattiva mis-socjeta` appellanti biex tassikura adempiment effettiv mal-ftehim mill-kumpanija appellata;

Maghdud dan, din il-Qorti thoss li ghandha xorta wahda tiddivergi mill-konkluzjoni tat-Tribunal bl-adoperu tal-kriterju tad-dritt ekwitattiv li f' dan il-kaz ghandu massima rilevanza. Certament l-esigenzi partikulari suggeriti mic-cirkustanzi tal-kaz kellhom jinducu, b' konsegwenza diretta ta' l-applikazzjoni tal-principju ta' l-ekwita li janima l-ligi specjali li kkrejat it-Tribunal, illi, gjaladarba kien hemm inadempjenza, li ghalkemm mhix gravi lanqas ma tista' titqies ta' entita` ljevi mill-perspettiva tas-socjeta` konvenuta, ir-riduzzjoni akkordata kellha tkun proporzjonatament u adegwatament iffissata ghallanqas f' percentwali ta' hamsin fil-mija (50%). Hu f' dan is-sens li din il-Qorti thoss li ghandha timmodifika l-konkluzjoni tas-sentenza appellata;

Logikament minn dan isegwi illi l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu sopportati ekwament mill-kontendenti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tvarja s-sentenza appellata izda dan biss limitatament fis-sens tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula. Konsegwentement tordna li s-socjeta` appellanti ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija sebgha u tmenin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm587.66,0) korrispondenti ghan-nofs tas-somma reklamata. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------